**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Is-37 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 28 ta' Settembru 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Riżoluzzjoni Speċjali dwar Minuta 2.19 tal-Laqgħa Nru. 35 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
4. **Diskussjoni dwar il-proposta ta' *Bye-Law* "Attivitajiet fil-Beraħ"**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-37 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:15 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tas-36 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 19/2015, mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 19/2015 – Ġbir ta' Skart.**

2.2 Inqrat Memo 21/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 21/2015 – L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 22/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 22/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015.**

2.4 Inqrat Memo 23/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 23/2015 – Stedina mill-Ministeru għall-Finanzi – Konsultazzjoni ta' Qabel il-Baġit 2016.**

2.5 Inqrat Memo 24/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 24/2015 – *"Professional Development Award in Imporving Public Management and Governance at Local Level."***

2.6 Inqrat Memo 25/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2015 – *Green Public Procurement (GPP).***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali – Ottubru 2015.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali ta' Ottubru 2015 – ittra mill-Uffiċċju Elettorali.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **L-ewwel sejħa għal *modular projects – Interreg Mediterranean 2014-2020 Programme.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit għal *Europe for Citizens Programme Launch Conference.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***European Mobility Week – Competitions.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***National Bicycle Ride 2015 (*it-Tnejn 21 ta' Settembru 2015) – *European Mobility Week.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***World Physiotherapy Day 2015.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Hospice Midnight Walk 2015* – Il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2015.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Malta Cultural Institute Inaugural Concert* – il-Ħadd 4 t'Ottubru 2015.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***E-mail* mibgħuta mill-*Inspire Foundation.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu **Ingaġġ ta' Ħaddiema fl-Iskemi bħala impjegati regolari fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 18449 – Laqgħat pubbliċi tal-Kunsilli Lokali.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 502/15 – RE: National Car Wash Day for Solidarity.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Attention PQ 18439.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Attention PQ 18440.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention – PQ 18442.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention – PQ 18443.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention PQ 18444.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention PQ 18450.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention PQ 18452.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention PQ 18454.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention PQ 18457.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***For Your Attention PQ 19000.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 471-2015* Ħruġ ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Vacation Leave and Sick Leave Records.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Request for information regarding CHANGES to personal data.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Statistics in terms of Directive 7 – 3rd Qtr 2015.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***HRS 2 has been edited – Additional information required on Termination/Employment of Staff.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 447/15* – Kopji tal-Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kjarifika – *RE: Case 447/15* – Kopji tal-Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***IMPORTANT NOTICE RE: Leadership Academy Programme for Local Government – A Partnership for Creative Governance.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Micallef għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviżi tal-Kunsilli.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 37/2015 – Health Insurance.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 38/2015 – Integration Leaflet – 'Living in Malta: Quick Reference Tips.'***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 40/2015 – Europe Direct Information Centers.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 41/2015 – Project Conference CENSE.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 42/2015 – Stedina għal 'Djalogu maċ-Ċittadini' dwar l-Unjoni Ewropea.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata De Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular Circ. 44/2015 – White paper/policy document.***

2.44.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li mhemmx ċans biżżejjed sabiex ikun jista' jara dan id-dokument u għaldaqstant issuġġerixxa li għandna nistaqsu lill-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali sabiex ningħataw aktar żmien sabiex inkunu nistgħu nibagħtu l-kummenti tagħna.

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Europe for Citizens Programme Launch Conference – Open/Networking Days*** **fi Brussel – Ottubru 2015.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu ***Open Days 2015*** **– Brussell.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal fil-*Public Contracts Review Board*, bit-titlu ***Objection QLC – SACE 49/15.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Vella, Segretarju fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, bit-titlu ***Meeting Request from the Hon. Silvio Parnis.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Catherine Camilleri mill-Kunsill Malti għall-Isport, bit-titlu **Attivitajiet Sportivi 2014/15.**

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace, Assistent Prinċipal fiċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ, bit-titlu **Kors: Taħriġ fil-Lingwa Maltija li ser isir nhar id-29 ta' Settembru, l-1, it-2 u s-7 ta' Ottubru 2015.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tereża Bugeja, mil-*LEAP South Region Team*, bit-titlu ***of Summer Camp Celebration.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise Farrugia, *Regional Development Agent, LEAP Project – South Region,* bit-titlu ***Food Handling Course.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech, *Charge Nurse – National Immunisation Services*, bit-titlu ***Seasonal Influenza Vaccine.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fid-Dipartiment tal-Kura Primarja, bit-titlu ***Invitation – Primary Health Care Department programme of health educational talks.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator in the community* fid-Direttorat tal-*Lifelong Learning*, bit-titlu ***Lifelong Learning Courses.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jeffrey Ellul, Uffiċjal Eżekuttiv fl-Uffiċċju Elettorali, bit-titlu ***New Committee and new E-mail Address.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta, bit-titlu **Applikazzjoni għal Kaxxa Safra – Kunsill Lokali Qrendi.**

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a Fun Run in aid of*** **Dar tal-Providenza.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Ronald Cuschieri mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.,* bit-titlu ***Insecticide Treatment Record / Palm Trees between January and July 2015.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francisca Zahra mill-WasteServ, bit-titlu ***Weighbridges opening hrs – September Public Holidays.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Schembri, Direttur ta' Mquip Co. Ltd., bit-titlu ***Mquip Co. Ltd.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Scicluna mit-*Transport and Area Local Plan Unit* tal-MEPA, bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mandy Camilleri mill-MEPA, bit-titlu **PC 0022/15.**

2.63.1 Is-Sindku qal li l-applikant talab sabiex isir *building alignment* fi Triq iż-Żurrieq.

2.63.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali tlabna li l-bankina tibqa' kif inhi fil-preżent, kif ukoll isir splay int u ħiereġ minn Triq Filippu Zammit għal ġo Triq iż-Żurrieq.

2.63.4 Żied li jekk kemm-il darba tintlaqa' l-proposta tal-Kunsill Lokali, t-tliet parkeġġi li llum hemm f'nofs Triq iż-Żurrieq, faċċata ta' Triq Filippu Zammit, ikollhom jitneħħew.

2.63.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa jekk dawn it-tliet parkeġġi jkunux jistgħu jiġu rilokati faċċata, jiġifieri ma fejn sal-lum il-ġurnata jsir il-parkeġġ tal-karozzi l-oħra.

2.63.6 Is-Sindku wieġeb li fil-preżent qegħdin isiru xi ħwejjeġ li mhumiex skont il-liġi u dawn iridu jiġu indirizzati wkoll.

2.63.7 Semma' kif mhumiex qegħdin isiru permessi tal-krejnijiet meta jkunu se jsiru x-xogħolijiet, kif ukoll hemm sinjal ta' *No Parking* mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali.

2.63.8 Is-Sindku għalaq billi qal li għalissa se nistennew x'se tkun ir-risposta tal-MEPA imbagħad nimxu minn hemm 'il quddiem, imma saħaq li ċertu abbużi li qegħdin isiru jridu jieqfu minnufih.

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabelle Mallia mill-Aġenzija Żgħażagħ, bit-titlu **STEDINA – Attivita' Kunsilli Lokali Żgħażagħ.**

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabelle Mallia mill-Aġenzija Żgħażagħ, bit-titlu **STEDINA – 10 ta' Settembru 2015 – Hon. Chris Agius MP.**

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, Maniġer u Amministratur tal-Programmi fuq Radju RTK, bit-titlu **Stedina – Dar tal-Providenza.**

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Kathleen Attard bit-titlu **Studju dwar l-iskart tal-ikel fid-djar Maltin.**

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Liam Coyne, *Sales Representative* ma' Bonnici Bros. Ltd., bit-titlu ***Bonnici Bros Demonstration.***

2.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Antonia Demicoli, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop, bit-titlu **Problema ta' Traffiku ħdejn il-Mina ta' Ħal Kirkop (*McDonalds Roundabout).***

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Simon Micallef minn JGC Ltd., bit-titlu ***Inclusive Play Equipment.***

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Moira Magro, *Tied Insurance Intermediary – MAPFRE, Middlesea*, bit-titlu ***Safety Metal Bar.***

2.71.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li din it-talba għandha tiġi aċċettatha jekk kemm-il darba l-ispejjeż se jitħallsu mill-individwi li għamlu t-talba.

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Liam Ferriggi, Direttur Maniġerjali ta' AID Ltd., bit-titlu ***Quote for Cordless Microphone for Online Streaming.***

2.72.1 Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għanda naċċettaw din il-kwotazzjoni.

2.72.2 Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali fakkar li rridu naraw xi ħsara hemm fis-sistema tas-sound għaliex il-laqgħa tal-Kunsill Lokali kienet qiegħda tiġi *streamed live* imma ma kien qiegħed jinstema' xejn.

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gino Tanti bit-titlu **Reklam Għalikom fuq 'Xarabank.'**

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Animal Guardians Malta*, bit-titlu ***Urgent Situation concerning Cat Protection & Control.***

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Yanika Galea, *Executive* fl-*International Media Relations*, bit-titlu ***Sports Illustrated Swimsuit 2016 Photoshoot.***

2.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Edwin Attard, President tal-*Malta Amateur Athletic Association*, bit-titlu ***Road Race at Maqluba (limits of Qrendi) on 31st October 2015.***

2.77 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Josephine Zammit dwar talba għal bozza m'arblu f'Wied iż-Żurrieq.

2.77.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din il-bozza ma jistax japplika għaliha l-Kunsill Lokali minħabba li t-triq hija privata u l-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel xogħol fil-privat.

2.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Karen Mamo bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

2.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Felix Sciberras bit-titlu **Id-Daħla ta' Ġewwa nett ta' Wied iż-Żurrieq.**

2.80 Tressqu wkoll il-proposti għal Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena, li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali mill-Perit tal-istess Kunsill Lokali Anthony Bezzina.

2.80.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn il-pjanti għandhom jiġu diskussi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

f'laqgħat futuri tal-Kunsill Lokali.

**N.B.** *Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud waslet għal-laqgħa fis-6pm.*

## 3. RIŻOLUZZJONI SPEĊJALI DWAR MINUTA 2.19 TAL-LAQGĦA NRU. 35 TAS-7 LEĠIŻLATURA TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għadda biex jaqra t-talba li waslet mill-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia sabiex titressaq riżoluzzjoni speċjali waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali.

3.2 Wara li nqrat l-ittra, is-Sindku David Schembri qal li wieħed irid jara eżattament għalxiex qiegħda ssir din ir-riżoluzzjoni speċjali.

3.3 Spjega li Triq il-15 t'Awwissu, li tinsab imsemmija fir-riżoluzzjoni speċjali, fl-aħħar mill-aħħar trid issir mill-Perit attwali tal-Kunsill Lokali, ġaladarba dan l-istess Perit ipprepara l-istimi ta' kemm ġejja tiswa.

3.4 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu din ir-riżoluzzjoni speċjali għandha tintlaqa' u għaldaqstant għandha tinbidel id-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill Lokali, u din it-triq tingħata wiċċ ta' tarmak ġdid.

3.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-kwotazzjoni ta' Triq il-15 t'Awwissu, sakemm jiftakar hu, qatt ma tressqet quddiem l-istess Kunsill Lokali u li kieku l-Kunsill kien jaf li saret il-*bill of quantities*, kieku d-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill kienet tieħu xejra oħra.

3.6 Saħaq li dak li kien diġa' mibdi għandu jitlesta', imma li fil-preżent il-Kunsill Lokali m'għandux japprova sabiex jinbeda xogħol ġdid minħabba li għad hemm l-Appell tal-Sejħa għall-Offerti tal-Perizija.

3.7 Is-Sindku ppropona li għandna nmexxu fuq din it-triq sabiex titlesta'.

3.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

## 4. DISKUSSJONI DWAR IL-PROPOSTA TA' *BYE-LAW* "ATTIVITAJIET FIL-BERAĦ"

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li ninsabu fil-proċess li din il-*bye-law* li għandna quddiemna ngħadduha lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikollna l-kummenti min-naħa tagħhom.

4.2 Qal li s'issa ħriġna l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fuq gazzetta bil-Malti u oħra bl-Ingliż li se nkunu qegħdin nippubblikaw din il-*bye-law* u fil-fatt ingħataw 3 ġimgħat ċans għal min xtaq jara u jevalwa din il-*bye-law*.

4.3 Spjega kif fil-preżent Misraħ il-Maqluba qiegħed jintuża' ta' spiss, u dan minħabba li mhux biss qegħdin isiru l-funzjonijiet tat-tiġien fil-Kappella ta' San Mattew, imma anke għax qegħdin isiru r-riċeviment fil-pjazza.

4.4 Żied li apparti r-riċevimenti tat-tiġien, qiegħed ukoll ikollna talbiet għal riċevimenti oħra.

4.5 Fisser kif il-punt dwar din il-*bye-law* diġa' kien tqajjem f'laqgħat oħra tal-Kunsill Lokali, imma issa wasalna fi stadju fejn irridu mmexxu u nipproċedu b'din il-*bye-law* sabiex ikollna kollox skont il-liġi.

4.6 Is-Sindku qal li s'issa, fir-riċevimenti li kellna, stajna ninnutaw li kien hemm drabi fejn kellna problemi ta' loġistika, drabi oħra kellna problemi ta' ħmieġ u f'okkażjonijiet oħra anke kellna problemi t'aċċess għall-pubbliku inġenerali.

4.7 Saret diskussjoni wiesgħa ħafna fuq din il-*bye-law*, li tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala Appendiċi A.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dak li hemm imniżżel f'din il-*bye-law*.

## 5. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li t-*Tourism Foundation* s'issa tatna konferma verbali li se jiġu aċċettati t-talbiet li għamilna, kemm għal bozoz ġodda fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq kif ukoll għall-kisi tal-wiċċ tal-moll ta' bejn 'il-ponta u l-ponot.'

5.1.1 Qal li fil-preżent diġa' għandna l-istimi lesti imma għadna qegħdin nistennew il-permess mingħand il-MEPA, minħabba li meta għamilna DNO, il-MEPA waqqfitna għax riedet applikazzjoni sħiħa biex isir il-kisi tal-wiċċ tal-moll f'Wied iż-Żurrieq.

5.1.2 Spjega kif jekk il-permessi tal-MEPA jinħarġu fil-ħin, ix-xogħol mistenni jsir sa Mejju tas-sena d-dieħla.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Arts in Open Spaces*.

5.2.1 Qal li fl-4 ta' Settembru għalqu l-applikazzjonijiet għal dan il-proġett u kien hemm żewġ artisti differenti li applikaw sabiex jagħmlu xogħol tal-arti fil-Qrendi.

5.2.2 Spjega min huma dawn l-artisti: Chris Ebejer u Stephen Borg.

5.2.3 Żied li mill-informazzjoni li għandu b'mod verbali, jidher liż-żewġ proposti se jkunu *shortlisted* imma s'issa għad m'għandna xejn uffiċjali.

5.2.4 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin ningħataw €30,000 jekk kemm-il darba jintagħżel xi proġett minnhom, u dawn iservu sabiex issir il-biċċa xogħol tal-arti kif ukoll it-tisbiħ taż-żona.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.2.5 Qal li mill-istimi li għandna qegħdin nikkalkulaw li x-xogħol se jiġi jiswa mal-€40,000 imma se jkollna ħafna xogħolijiet li se jsiru mill-Ministeru għax-Xogħolijiet, allura l-ispejjeż se jonqsu.

5.2.6 Spjega kif il-mudelli li se jkunu *shortlisted* se jkunu esebiti waqt Notte Bianca u l-pubbliku inġenerali jista' jivvota għalihom, u dawn il-voti se jkollhom 25% mill-vot finali.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar il-Ġnien tal-Kmand u qal li l-bieb tal-ħadid issa tlesta u fil-preżent qegħdin inżommu kuntatt dirett mad-Dipartiment tas-Sovratindenza tal-MEPA minħabba x-xogħlijiet li fadal isiru.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta, fejn fiha ġew diskussi diversi punti, fosthom kif dan il-Kumitat jista' jidħol f'*Public Private Partnership* m'entitajiet privati sabiex isiru xi xogħlijiet f'Wied iż-Żurrieq.

5.4.1 Qal li fil-quċċata tal-aġenda kien hemm il-bini mill-ġdid tal-latrini kif ukoll il-bini ta' parkeġġ ġdid, fejn hemm dak eżistenti llum.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret dwar il-*Europe for Citizens*.

5.5.1 Qal li hemm żewġ inizjattivi fejn nistgħu nidħlu imma għadna rridu nevalwaw sew kif nistgħu nibbenefikaw.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill Lokali tal-Qrendi fil-proġett *Endless Cities*.

5.6.1 Qal li fil-preżent għadna ma smajna xejn mingħand it-Taljani, li huma l-*leaders* f'dan il-proġett.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar xogħol li għandna mibdi mal-Perit Anthony Bezzina fil-preżent.

5.7.1 Ix-xogħol huwa kif ġej:

- Triq il-15 t'Awwissu (parti minn)

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

- Triq Sant'Anna
- Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena
- Id-*decking* ta' Wied iż-Żurrieq
- Il-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Ħaġar Qim

5.8 Is-Sindku tkellem dwar problema li qegħdin naffaċċjaw bħala Kunsill Lokali minħabba Triq is-Siġġiewi.

5.8.1 Spjega kif in-naħa tal-Qrendi kellha ssir mill-kumpanija Polidano Bros. Ltd., u kif wara li għaddew is-servizzi tal-ilma, huma waqfu bix-*shutdown*.

5.8.2 Żied li wara li l-ħaddiema daħlu mix-*shutdown* ix-xogħol ma tkompliex u dan minħabba li Transport Malta oġġezzjonat għal dawn ix-xogħlijiet.

5.8.3 Qal li l-oġġezzjoni prinċipali hi li Polidano Bros. Ltd., kellhom klawsola mal-MEPA li tgħid li ġaladarba kien qiegħed jimla' l-barrieri, hu kellu wkoll jieħu ħsieb jirranġa t-triq, xi ħaġa li qatt m'għamel.

5.8.4 Transport Malta għaldaqstant waqqfet ix-xogħlijiet minħabba li Polidano Bros. Ltd., kienu se jitħallsu darbtejn minn fondi tal-ERDF.

5.8.5 Is-Sindku spjega kif min-naħa tiegħu prova jiċċekkja jekk il-fondi li kienu se jintefqu fuq Triq is-Siġġiewi jistgħux jiġu riallokati għal xi triq oħra, fejn semma' b'mod speċjali Triq San Niklaw, u li Triq Misraħ is-Sinjura ssir kollha kemm hi u mhux parti minnha biss.

5.8.6 Qal iżda li kellu risposti negattivi dwar dawn iż-żewġ proposti u Transport Malta se jkunu qegħdin jagħmlu biss parti minn Triq Misraħ is-Sinjura, minn k/ma' Triq San Nikola sa k/ma' Triq San Niklaw.

5.8.7 Żied li għandu mnejn inkunu kostretti li nagħmlu konferenza tal-aħbarijiet fi Triq is-Siġġiewi jew għallinqas noħorġu komunikat għall-istampa fejn nitkellmu dwar is-sitwazzjoni li nqalgħet u dan minħabba li issa jidher lit-triq se tibqa' kif inhi.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.9.1 Qal li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu għal dan il-Festival u tkun idea tajba jekk is-sotto-kumitat jiġi ffurmat kmieni kemm jista' jkun, jekk kemm-il darba rridu nwettqu dak kollu li qegħdin naħsbu.

5.9.2 Żied li rridu nibdew niltaqgħu mal-*istakeholders* kollha ta' dan il-Festival sabiex naraw kif nistgħu nmexxu u kif nistgħu nagħmlu dan il-Festival aktar popolari.

5.10 Is-Sindku tkellem dwar l-istatwa magħrufa bħala 'Tar-Ruħ' li tinsab fi Triq iż-Żurrieq.

5.10.1 Qal li din l-istatwa qiegħda mingħajr il-parti ta' fuq ta' ġisimha minħabba vandaliżmu li sar fuqha fil-pasat u tkun idea sabiħa kieku kellna nirrestawrawha.

5.10.2 Spjega kif min-naħa tiegħu tkellem diġa' mas-Sur Kenneth Cauchi mill-MEPA li qallu li hemm bżonn issir DNO sabiex ikun jista' jsir ir-restawr fuq din l-istatwa.

5.10.3 Żied li biex issir din id-DNO bilfors irridu l-firma tal-Perit tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant staqsa lill-Kunsill Lokali jekk nistgħux inmexxu fuq din l-applikazzjoni.

5.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandha ssir din id-DNO sabiex ikunu jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet.

5.10.5 Is-Sindku kompla jispjega kif hu diġa' għamel kuntatt mas-Sur Rosario Agius ta' Agius Stone Works Ltd., sabiex jara jekk bħala kumpanija jkunux interessati li jidħlu għar-restawr ta' din l-istatwa.

5.10.6 Qal li l-kumpanija Agius Stone Works Ltd., jidhru interessati ħafna u verbalment qalulna li dan ir-restawr jiġi jiswa bejn €500 u €600.

5.10.7 F'dan il-mument il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet min hu eżattament responsabbli minn din l-istatwa, jekk hux il-Kunsill Lokali jew il-Knisja Parrokjali tal-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.10.8 Is-Sindku wieġeb li din l-istatwa taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Knisja Parrokjali, imma l-Kunsill Lokali jista' jgħin sabiex din l-istatwa tiġi restawrata, bħalma Kunsill Lokali preċedenti kienu għenu sabiex per eżempju sar ir-restawr taz-zuntier ta' quddiem il-Kappella ta' Santa Katarina, kif ukoll ir-restawr li sar fuq l-istatwi ta' raħalna.

5.10.9 Qal li l-Kunsill Lokali għandu d-dmir li jħares il-patrimonju ta' raħalna u din l-istatwa mkissra qiegħdha mhux biss tkerrah iż-żona imma anke turi nuqqas ta' rispett lejn l-għeżież mejtin li jinsabu midfuna fiċ-ċimiterju tal-Qrendi.

5.10.10 Spjega kif anke jekk il-Kunsill Lokali jiddeċiedi li r-restawr għandu jsir, ix-xogħol mhux se jkun lest sa Novembru li ġej, minħabba li jieħu xi ftit fit-tul.

5.10.11 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din l-istatwa għandha tiġi restawratha.

5.11 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-ġurnata Għawdex organizzata mill-Kunsill Lokali.

5.11.1 Qal li bħala ħarġa kienet tajba ħafna u n-nies jidher li kienu kuntenti bil-postijiet li żorna.

5.12 Il-Viċi Sindku qal ukoll li d-Dipartiment tal-ICT fl-MCAST aċċetta t-talba tal-Kunsill Lokali li xi student/i jieħdu ħsieb li jikkreaw websajt ġdida lill-Kunsill Lokali.

5.12.1 Qal li ntagħżel student partikolari li se jkun qiegħed jaħdem fuq dan is-sit u fil-fatt illum diġa' saret laqgħa t'introduzzjoni miegħu u jinsab entużjast ħafna li jagħmel dan ix-xogħol.

5.13 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq l-Imqabba u qal li wasal iż-żmien li nieħdu ħsieb ftit l-imqaret li hemm mad-dawra tar-*roundabout*, għaliex il-ħaxix kiber ħafna.

5.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon wieġeb li min-naħa tiegħu diġa' kien tkellem mal-impjegat tal-ELC dwar dan u suppost iż-żbir u l-qtugħ tal-ħaxix

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kellu jsir fil-jiem u ġimgħat li ġejjin.

5.14 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk ċertu *soft areas* jistgħux jibdew jieħdu ħsiebhom ir-residenti, minflok kollox jibqa' taħt idejn il-Kunsill Lokali.

5.14.1 Is-Sindku wieġeb li għalkemm l-idea tal-Kunsillier Sant Mifsud hija tajba ħafna, wieħed irid joqgħod attent għaliex dawn is-*soft areas* jispiċċaw kkapparati mill-individwi li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom u jista' jagħti l-każ li anke jibda jkollna nkwiet bejn il-ġirien.

5.15 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-possibilita' li jsir servizz ta' wi-fi f'Misraħ il-Maqluba.

5.15.1 Is-Sindku wieġeb li fil-preżent għad m'għandna xejn konkret f'idejna, imma jidher li qegħdin naslu sabiex anke f'Misraħ il-Maqluba jkollna s-sistema tal-wi-fi b'xejn permezz t'għajnuna minn entitajiet oħra.

5.16 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk jistax isir *refreshing* tas-sinjali ta' mal-art fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq.

5.16.1 Is-Sindku wieġeb li suppost dan ir-*refreshing* għandu jsir mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

5.17 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk jistax isir sinjal ta' 'STOP' fi Triq il-Ġwiewel, int u ħiereġ għal Triq il-Fulija.

5.17.1 Is-Sindku wieġeb li dan jista' jsir u malli jkollna lill-Koperattiva tat-Tabelli u s-Sinjali tat-Toroq il-Qrendi ngħidulhom sabiex jagħmlu dan is-sinjal.

5.18 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ u spjegat kif tixtieq tiltaqa' mal-Kappillan sabiex tiddiskuti l-punt jekk iċ-Ċentru Pastorali jistax jintuża' bħala post fejn fih jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

5.18.1 Qalet li tkun ideali kieku f'dan iċ-Ċentru jkun hemm aċċess għal-logħba tal-billiard u forsi anke Playstation, sabiex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jmorru

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jirrilassaw u jiltaqgħu flimkien hemmhekk.

5.18.2 Is-Sindku wieġeb li l-ideat huma tajbin imma trid issir diskussjoni mal-Kappillan u ħeġġeġ lill-Kunsillier Daniela Farrugia sabiex tagħmel din il-laqgħa.

5.19 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali li xi drabi qiegħed jintrema' l-iskart maġenb it-*totem kiosk* li hemm fi Triq Rokku Buhagiar.

5.19.1 Is-Sindku wieġeb li s-suspett prinċipali hu li qiegħed jinħareġ l-iskart tal-każini filgħaxija u għaldaqstant irridu nippruvaw insibu soluzzjoni kif dawn il-każini se jibdew jarmu l-iskart tagħhom.

5.19.2 Ħeġġeġ lill-Kunsillieri l-oħra sabiex sal-laqgħa li jmiss forsi jkollna ftit ideat dwar kif jista' jibda jinġabar dan l-iskart.

## 6. <u>FINANZI</u>

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €27,397.33c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/15 u €49.40c skont il-*Petty Cash* Ref S/08.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015 fil-5:30pm.

______________________ ______________________

**Chris Falzon** **David Schembri**

**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**